MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Numru. 77/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Michael Vella ta' 72 sena iben Peter u Mary nee' Buttigieg imwieled Nadur Ghawdex, nhar id-29 ta' Settembru 1936, residenti fil-fond 186A, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' 65435(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Michael Vella li gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar, 1999 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fi proceduri civili, halef falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Rat id-dokumenti;

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-22 ta’ Settembru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, l-fedina penali kwazi nadifa tieghu, izda fuq kollox l-eta u l-istat ta’ sahha prekarja ta’l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu tal-liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------